**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 31**

10 ta' Ġunju 2026

Il-wieħed u tletin (31) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ppreżenta l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera JVP u tal-Kunsilliera SSH fejn talbu li jkunu skużati għal-laqgħa ta' dakinhar.

31.1.2. Il-Kunsill innota l-ittri mibgħuta u laqa' l-apoloġiji.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tletin (30) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

31.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

**Nota:** **17:18 Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sabiex il-Kunsill jilqa' l-intervent tal-accountant.**

**17:23 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

## 31.3 Approvazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2026

31.3.1. Is-Sindku għamel riferenza għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-ewwel kwart tas-sena 2026.

31.3.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE favur l-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet imsemmija, issekondat mill-Kunsillier DC, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur 3: (JAE, DC, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.4.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-kunċert li ttella' fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V li sfortunatament ġab miegħu ħafna ilmenti. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinformahom biex isibu post alternattiv għas-sena d-dieħla.

31.4.1.1. Il-Kunsillier DC ippropona li tibda' tiżdied penali fit-termini u l-kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

31.4.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-memo interna li kien bagħat rigward iċ-ċelebrazzjonijiet tal-league. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-Kunsill jorganizza ċ-ċelebrazzjonijiet b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €500 u li jieħu ħsieb il-mobile toilets u l-mementos.

31.4.3. Is-Sindku NH informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat mill-Kunsill Lokali Kerċem li informaw li xtaqu jippreżentaw memento lill-Floriana FC Nursery dakinhar tal-festa. Huwa ressaq proposta biex jiġi preżentat memento lill-Kunsill Lokali Kerċem dakinhar taċ-ċelebrazzjonijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

31.4.4. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm persuna li kienet qed tfittex lill-Kunsill għad-danni riżultat ta' sprall tal-ħadid fit-triq. Is-SE informa li kien informa lill-Avukat sabiex jieħu ħsieb iwieġeb.

31.4.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mill-Floriana Nursery fejn talbu li tiġi organizzata l-attività tal-aħħar tal-istaġun b'mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

31.4.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-MyConvenience li informaw li t-talba li kienu qed iressqu kienet li jużaw l-ispazju ta' parkeġġ li diġà hemm quddiemhom u li huwa mmarkat bħala kaxxa safra, u biex dan isir Un/Loading Bay approvata. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-applikant biex jagħmel dak li hu meħtieġ għal un/loading bay.

31.4.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn offrew lill-Kunsill biex tiġi organizzata b'mod konġunt l-attività tal-presentation night nhar it-22 t'Awwissu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li s-sawnd ikun baxx biex ma jdejjaqx lir-residenti tal-madwar.

31.4.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza dwar żieda ta' pedestrian crossings. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ikkunsidra li kien hemm diġà applikazzjoni approvata u li waħda quddiem l-IPS ser tiġi eżatt fid-dawra, u għalhekk qabel li għandu jipproponi li ssir waħda iktar 'l isfel.

31.4.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Partit Nazzjonalista fejn informaw li kienu ser jorganizzaw l-attivitajiet tal-Indipendenza fuq il-Fosos. Il-Kunsill innota dan.

31.4.10. Is-Sindku informa li kienet inżammet laqgħa mal-Fergħa Armar ta' Barra fejn kien hemm diskussjoni biex jitneħħew it-toqob li m'għadhomx jintużaw u li jsiru toqob ġodda. Is-Sindku ippropona li dawn isiru mill-ħaddiema tar-Reġjun Port. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jitlobhom kwotazzjoni għall-materjal li se jintuża.

31.4.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza ta' ringrazzjament mingħand il-UTV. Il-Kunsill innota dan.

31.4.12. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Camp Willingness fejn informaw b'workshops li kienu ser jorganizzaw.

31.4.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Malta Red Cross li talbu laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

31.4.14. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Lighthouse Assembly li talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw attività ta' cleanup. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li l-clean up issir madwar il-monument ta' Pietro Paolo Floriani.

31.4.15. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Animal Welfare fejn offrew sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-għajnuna għall-annimali. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

31.4.16. Is-Sindku ressaq applikazzjoni għal taħriġ mingħand impjegat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 31.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

31.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax jibda jsir il-ħasil tat-toroq. Is-SE qal li jixtieq li tintbagħat nota lir-residenti bil-lista ta' toroq li se jsiru ħalli ma jkunx hemm problemi bħas-snin imgħoddija.

31.5.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk il-Kunsill kellux ħsieb li jerġa' jintrama l-fustun fil-ġnien ta' fuq is-sur. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li jkompli jiżdied id-dawl minħabba li jħoss li hemm wisq light pollution. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jiżdied id-dawl.

31.5.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li wara li saret iż-żabra tas-siġar, qed ikun hemm ilmenti rigward id-dawl tal-piċċ. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora x'alternattivi hemm sabiex jitbaxxa d-dawl qawwi tal-piċċ.

31.5.4. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitlob lill-ministeru sabiex isir xogħol fiż-żona ta' ħdejn il-monument t'Oliver Friggieri simili għal dak li sar fi Pjazza Tritoni. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jikteb.

31.5.5. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-ministru tat-trasport fir-rigward tal-isfidi li hemm fil-lokalità a kwantu tal-parkeġġ kif ukoll fir-rigward tal-park n' ride. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

31.5.6. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni dwar xogħol li sar fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini. Is-SE qal li kien informat li sar xi xogħol mill-Enemalta u li kellu jsir xi testing. Il-Kunsill qabel li għandu jingħat tfakkira.

31.5.7. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għal kaxxa mormija li hemm fi Triq l-Imħażen kantuniera ma' Triq il-Miratur. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-ħaddiema tiegħu sabiex ineħħu dak li jistgħu u wara, il-Kunsill ikellem lill-Cleansing Department jew lil xi kuntrattur privat sabiex jieħu l-kumplament.

31.5.8. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jerġa' jfakkar lir-residenti bis-servizzi li huma offruti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jaġġorna l-leaflet bil-lista tad-dekasteri u jippubblikaha sabiex tiġi ċirkolata.

31.5.9. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk jistgħux jiġu ordnati t-tabelli tal-klieb fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, Ġnien Preziosi u Ġnien Vilhena. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb jordna t-tabelli neċessarji.

31.5.10. Il-Kunsillier DC fakkar dwar it-tabella fit-triq għall-Kastilja u qal li din kienet għadha mkissra. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jibgħat tfakkira.

## 31.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitat

31.6.1. Ma kienx hemmx rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

## 31.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

31.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 24/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

31.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier DC u issekondata mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

## 31.8 Aġġornament dwar proġetti: Triq Mauro Caruana, Piċċ tal-Futbol, Dwal Ġnien Preziosi

31.8.1. Is-SE fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-piċċ tal-futbol u informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kellu jibda' japplika l-liquid membrane dik il-ġimgħa.

31.8.2. Is-Sindku qal li ma jinsabx sodisfatt bil-fencing li sar.

31.8.2.1. Is-SE qal li għandhom isiru poles bejn travu u ieħor sabiex il-fencing jissaħħaħ.

31.8.3. Fir-rigward tal-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana, is-SE qal li kienet inżammet laqgħa mal-entitajiet li joffru s-servizzi u qal li kulħadd kien ser jibgħat il-proposti tiegħu biex jibdlu s-servizzi tagħhom waqt li jkun qed isir ix-xogħol fuq din it-triq. Huwa kompla billi qal li x-xogħol għandu jibda dalwaqt.

31.8.4. Fir-rigward tad-dawl fi Ġnien Preziosi, is-SE informa li kien sar is-survey neċessarju u li għandu jibgħat id-dokumenti biex ikunu jistgħu jinħarġu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-inġinier biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

**Nota: 18:19 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-laqgħa ġiet sospiża minħabba nuqqas ta' kworum.**

**18:21 Is-Sindku irritorna għal-laqgħa.**

**Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

## 31.9 IL-KRIŻI DEMOGRAFIKA U R-RIĠENERAZZJONI TA' FLORIANA

31.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li wara l-konferenza li l-Kunsill kellu dwar il-kriżi demografika tal-Floriana, huwa ippropona li l-Kunsill jara kif se jmexxi 'l quddiem.

31.9.2. Huwa ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Gvern sabiex jinformah bl-eżitu tal-konferenza u jitlob għal impenn immedjat u konfermat. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill għandu jara jekk hemmx interess min-naħa tal-gvern ċentrali biex isiru miżuri u tiġi indirizzata l-problema.

31.9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jikteb lill-gvern.

31.9.4. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li tintbagħat ukoll korrispondenza lill-kap tal-oppożizzjoni sabiex ikun hemm ħidma miż-żewġ naħat fuq din l-isfida.

## 31.10 PROPOSTA GĦALL-UŻU TAL-IMWEJJED U POTENZJALMENT APPARAT IEĦOR MILL-GĦAQDIET

31.10.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi talab lill-Kunsillier DC sabiex jagħti spjega aħjar.

31.10.2. Il-Kunsillier DC qal li permezz ta' skemi, il-Kunsill kien xtara xi mwejjed u ippropona li dawn jibdew jissellfu lill-għaqdiet lokali sabiex ikun jista' jsir użu aħjar minnhom.

31.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li jibda' jitlob depożitu li jiġi ritornat ġaladarba l-assi jkunu ritornati fi stat tajjeb.

31.10.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu joħroġ skema għall-għaqdiet u li jsir inventarju tal-assi li jkunu jistgħu jintużaw taħt din l-iskema.

## 31.11 AĠĠORNAMENT DWAR ĠITA GĦAL MACERATA F'AWWISSU 2026

31.11.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-ġita għal Macerata.

31.11.2. Il-Kunsillier DC qal li kienet għaddejja komunikazzjoni ma' xi aġenziji tal-ivvjaġġar sabiex ikun jista' jinstab pakkett u prezz tajjeb għal din il-ġita.

31.11.3. Il-Kunsillier DC qal li kienet qed issir komunikazzjoni wkoll mal-Comune di Macerata sabiex jintalbu suġġerimenti għal akkomodazzjoni disponibbli.

31.11.4. Is-Sindku issuġġerixxa li jitkellmu wkoll ma' Fr Peter Paul Sultana li seta' jiggwidahom ukoll permezz tal-esperjenza personali tiegħu.

## 31.12 Bord ta' Verifika / Bord tal-Appell – Skema ta' Parkeġġ Residenzjali

31.12.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-proposta li kien ressaq fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill rigward il-bord tal-verifika. Huwa qal li dan il-bord kien importantissimu u kien importanti li jsir b'mod urġenti.

31.12.2. Is-SE informa li min-naħa tiegħu kien tkellem mal-avukat dwar dan iżda ma jidhirx li kien hemm interess.

31.12.3. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jesplora alternattivi oħra u jara jekk kienx hemm individwi oħra li kienu interessati.

## 31.13 Monitoraġġ bis-CCTVs

31.13.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-monitoraġġ kontinwu li l-Kunsill kien qed jagħmel permezz tas-CCTV cameras li kien investa fihom. Huwa qal li dan il-monitoraġġ kien diġà ta frott.

31.13.2. Is-SE qal li kien tkellem mal-Alberta sabiex jiżdiedu l-kameras. Huwa qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi fuq fejn ser jiġu installati l-kameras li jmiss.

31.13.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandhom isiru ħdejn l-AGFA, fi Pjazza Robert Sammut u fi Triq il-Mall faċċata ta' Triq il-Konservatorju.

## 31.14 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

31.14.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2026 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |